MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 16/2009

**Charles Fenech.**

**vs.**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Charles Fenech karta tal-identita` numru 938745 M, sija personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Fenech Plant Hire Ltd., C6017 datat 2 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Dan huwa appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-kawza fl-ismijiet **Charles Fenech vs Awtorita` tal-Ippjanar** deciza fil-16 ta' Ottubru 2009.

B'dik id-decizjoni il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ikkonferma r-rifjut tal-Awtorita` tal-Ippjanar tal-applikazzjoni tal-appellant ghar-rilokazzjoni ta' barriera ta' *hardstone.*

L-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jinterponi umili appell minnha ghall-quddiem il-Qorti tal-appell kompetenti.

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti. U cioe` li l-Bord applika l-parametri zbaljati ghall-valutazzjoni tal-applikazzjoni ghall-permess da parti tal-appellant. L-appellant qieghed japplika ghall-permess ghall-izvilupp ta' barriera. Din l-applikazzjoni giet michuda mill-Awtorita` tal-Ippjanar. Illi r-ragunijiet ta' rifjut moghtija mill-Awtorita` kienu essenzjalment tlieta u cioe` li l-misuri biex jigi mitigat it-trab ma kienux sufficjenti, li ma kellhomx jinghataw permessi ghall-barrieri godda, u li l-proposta kienet tikser l-pjan ta' struttura ghal dak li jikkoncerna l-izvilupp ta' minerali. B'sorpriza kbira ghall-appellant l-Bord tal-Appell ma ddecidiex l-applikazzjoni fuq dawn il-parametri imma fuq punt li bil-kemm kien diskuss fil-bord u cioe` li l-art in kwistjoni kienet tajba ghall-agrikoltura. Is-sottomissjoni tal-esponent hija li b'dan il-mod mhux biss l-Bord applika principji zbaljati ghall-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni imma nnega smigh xieraq lill-appellant ghaliex ddecida materja li dwarha l-istess appellant ma nghata l-ebda opportunita` li jaghmel sottomissjonijiet. Infatti l-istess Bord tal-Appell qabel mal-appellant li r-ragunijiet moghtija mill-awtorita` ghar-rifjut ma kienux korretti, imma intant xorta wahda wasal biex irrifjuta l-applikazzjoni taghhom.

Punt importanti li wiehed irid jzomm f’mohhu fid-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni u punt, li jigi bir-rispett sottomess, il-bord ma tax bizzejjed importanza ghaliha, hija d-decizjoni tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili f’kawza separata li kienu gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti meta l-awtoritajiet kompetenti kienu naqsu li jgeddu l-licenzja li huma kellhom biex joperaw barriera. Il-Qorti kienet annullat d-decizjoni mehuda. Ghalhekk l-appellant ghandu jitqies bhala operatur ta' barriera u li

kellu dritt jopera barriera. Intant huwa ukoll rikonoxxut fir-risposta tal-awtorita` li fl-arja fir-rigward ta' liema saret l-applikazzjoni hemm diversi barrieri li joperaw, u l-applikazzjoni tieghu kienet giet michuda ghaliex ma kienx desiderabbli li wiehed jestendi l-operat tal-barrieri f'dawn l-inhawi. B'dan il-mod l-esponenti gew pruvati kompletament minn barriera li kienet proprjeta` taghhom u dan b'dannu patrimonjali enormi. In realta` l-appellanti kellhom barriera u ma setghux jigu esproprjati minnha, kif fil-fatt gara, minnghajr ma jinghataw kumpens xieraq. Il-barriera li kienu qieghdin joperaw twaqfet bl-iskuza li kienet vicina ghall-fdalijiet arkeologici, ghalkemm ma kienx hemm lanqas l-icken prova li kienet qieghda issir xi hsara, u l-applikazzjoni taghhom ghar-rilokazzjoni tal-istess giet ukoll rifjutata. B'dan il-mod l-appellanti thallew minnghajr barriera ghalkemm kellhom dritt ghal wahda. Kien ghallhekk li l-Bord zbalja u kkommetta tort ghad-dannu tal-appellanti.

Bir-rispett kollu l-Onorabbli Bord zbalja billi:

1. Ma tax importanza sufficjenti ghall-fatt li l-appellanti kellhom dritt joperaw barriera, fatt li kienu qieghdin jigu pruvat minnu minnghajr ebda kumpens bl-operat tal-awtoritajiet.

2. Ma tax opportunita` lill-appellant biex jigi diskuss il-punt fuq liema l-kaz gie effettivament deciz, u dan billi dan la kien jifforma parti mis-sottomissjonijiet tal-appellant u lanqas dawk tal-awtorita` appellata; b'dan il-mod l-appellant gie sorpriz u spicca li ma nghatax smigh xieraq kif kien intitolat ghalih.

3. Ma applikax il-gwidi applikabbli ghall-kaz billi kkunsidra materja li kienet aljena ghall-applikazzjoni specifika.

4. Ma applikax l-gwidi li kienu korrettament applikabbli ghall-kaz, u cioe` dawk id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-izvilupp tal-minerali u l-operat tal-barrieri li kienu u messhom gew korrettament applikati mill-Bord ghall-kaz.

Illi *inoltre* id-decizjoni kienet ukoll nulla ghaliex l-appell quddiem il-Bord kien gie intavolat f'isem is-socjeta` Fenech Plant Hire Limited u d-decizjoni ma inghatatx f'isem dik is- socjeta` kif kellu jsir skont il-ligi.

B'dan il-mod huwa evident li fid-decizjoni tieghu l-Onorabbli Bord inkorra fi zball tal-ligi.

Ghaldaqstant l-appellanti fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi ga prodotti u jirrriserva li jipproduci dawk il-provi permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka l-precitata decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-applikant u tordna l-hrug tal-permess relattiv, bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2009 a fol 7 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Charles Fenech vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta' Frar 2010 a fol 8 tal-process fejn eccpiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost mill-appellant huwa null *stante* li gie interpost tardivament u gie interpost kontra l-Awtorita` tal-Ippjanar u mhux kontra l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Illi dan il-fatt huwa wkoll rilevanti *stante* li l-appell li minnu qieghed isir l-appell odjern kien appella kontra l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u mhux kontra l-Awtorita` tal-Ippjanar.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepsost, l-istess appell huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar talzvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Anthony Borg vs L-Awtorita` tal-Ippjanar** (Qorti tal-Appell - decizjoni taI-24 ta' April 1996); **Francis Mugliett vs L-Awtorita` tal-Ippjanar** (Qorti tal-Appell - decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita` tal-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 - Qorti tal-Appell); **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (Appell numru 13/01 RCP deciz fit-28 ta' Ottubru 2002); **Tonio Azzopardi vs Awtorita` tal-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa fuq interpretazzjoni ta' fatti u mhux fuq applikazzjoni ta' xi punt ta' dritt. L-appellant jissottometti illi l-Bord filwaqt li tah ragun fuq dak li jikkoncerna r-ragunijiet tar-rijfut moghtija lilu mill-Awtorita`, ibbaza d-decizjoni tieghu esklussivament fuq raguni differenti minn dawk moghtija mill-Awtorita`.

4. Illi pero`, punt krucjali huwa l-fatt illi bejn id-data tar-rifjut moghtija lill-applikant u sa meta l-Bord tal-Appelli beda jqis u jiddetermina l-appell, gie fis-sehh il-Pjan Lokali. Illi fl-ebda stadju, l-appellant, la quddiem il-Bord tal-Appell u wisq anqas fl-appell odjern, m'hu qieghed jilmenta fuq il-fatt dwar jekk legalment, il-Bord tal-Appelli setax japplika il-provvedimenti tal-Pjan Lokali. Illi l-aggravvju huwa semplici ibbazat fuq il-punt illi l-Bord ma setax jirrifjuta l-appell ghar-raguni moghtija minnu, izda kellu biss jikkonsidra r-ragunijiet tar-rifjut moghtija mill-Awtorita`.

5. Illi *stante* li m'hemm l-ebda aggravvju dwar l-applikabbilta` *o meno* tal-Pjan Lokali ghal kaz odjern, huwa car u ovvju illi l-appellanti issottomettew ruhhom ghal tali process (tant illi kien l-istess applikant illi sussegwentement irrefera ghall-Pjan Lokali fis-sottomissjonijiet tieghu) u ghaldaqstant, l-applikazzjoni u l-

interpretazzjoni tal-*policy* tal-Pjan Loakli fuq is-sit *de quo* tibqa' konsiderazzjoni ta' fatt u mhux punt ta' dritt.

6. Illi tenut kont tal-fatt illi kien l-applikant innifsu illi in propria difesa irrefera ghall-Pjan Lokali fis-sottomissjonijiet tieghu, il-Bord analizza l-Pjan Lokali relattiv ghaz-zona u kkonkluda illi l-*policy* applikabbli ghas-sit mertu tal-vertenza quddiemu, kuntrarju ghal dak sottomess mill-istess appellant, jiklassifika s-sit *de quo* bhala zona agrikola, u ghaldaqstant, l-uzu tas-sit bhala barriera ma kienx accettabbli. Illi kieku l-Bord ma hax konjizzjoni tas-sottomissjoni tal-appellant, kif ukoll tal-fatt illi llum is-sit *de quo* huwa regolat b'*policy* fil-Pjan Lokali, l-istess Bord kien ikun qieghed jaghmel zball fil-ligi, li kien iwassal ghall-appell odjern, u mhux il-maqlub kif qieghed jippretendi l-appellant.

7. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravvju mressaq mill-appellant, u cioe` illi l-Bord ma hax konjizzjoni tad-dritt vestit li allegatament kellu l-appellant *in vista* ta' decizjoni tal-Onor Prim' Awla tal-Qorti Civili. Illi sempliciment wiehed jirreferi ghas-sentenza tal-Bord fejn il-Bord ghamilha cara li hawn *non si tratta* ta' barriera gdida izda ta' rilokazzjoni, punt kardinali li juri bic-car kemm il-Bord qies id-drittijiet vestiti tal-appellant. Izda minkejja dan, certament illi l-Bord allura ma kienx obbligat, kif qieghed jippretendi l-appellant, illi jilqa' l-appell interpost quddiemu b'ghajnejh maghluqa, u minghajr ma jaghmel konstatazzjoni fattwali tas-sit li fuqu qieghda ssir il-proposta.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-16 ta' Ottubru 2009 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet l-appell deher il-Professur Ian Refalo ghall-

appellanti, u Dr. Ian Stafrace ghall-Awtorita' appellata li rtira l-ewwel eccezzjoni dwar it-tardivita` li l-appell sar *fuori* terminu biss. Il-Professur talab differiment biex jitratta. Il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni ghas-16 ta' Marzu 2010; u tal-11 ta' Mejju 2010 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Stafrace ghall-Awtorita` tal-Ippjanar li rrimetta ruhu ghall-provi. Profs Refalo msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat ir-rikors ta' Charles Fenech datat 26 ta' Ottubru 2010 fejn l-esponenti talab is-sospensjoni tas-sentenza, u l-Qorti cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appellant Charles Fenech kien applika sabiex issir rilokazzjoni tal-barriera (Nru. 9 u 2) minn Hagar Qim ghall "Wied Moqbo" f'sit hemm indikat fl-imsemmija inhawi taz-Zurriew, liema permess gie rifjutat minhabba li l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilup sostniet li ma kienux ittiehdu mizuri sufficjenti dwar it-trabijiet in konformita ma' *Plan Policy BEN 1*; li d-*Draft Minerals Subject Plan* jirrakomdanda li ma ghandhomx johorgu permessi ohra ghall barrieri godda – *policy HS 2*; u li tali proposa tikser il-*Policy MIN 4* tal-Pjan ta' Struttura li tghid li ma ghandhomx jinghataw permessi ghall barrieri godda *"unless demand for the additional resource is justified".*

Illi sar appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar (il-Bord) mill-appellant Charles Fenech personalment (datat 6 ta' Jannar 2006) fejn dawn it-tlett punti gew kontestati u fejn dwar l-istess inghad li l-barriera proposta hija intiza sabiex tissostitwixxi barriera ezistenti debitament licenzjata u ghalhekk ma kien ser ikun hemm ebda xoghol ta' barrieri gdid u dan peress li dak li ser jigri kien biss li barriera tigi sostitwieta b'ohra.

Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu ikkonsidra dawn it-tlett punti u sostna li dwar l-ewwel ilment l-appellant quddiemu kellu ragun ghaliex il-mezzi provduti dwar it-trab instab li hemm mezzi teknici sabiex dan jigi evitat jekk mhux eliminat ghall kollox; dwar it-tieni ilment instab ukoll li l-appellant kellu ragun peress li l-*Mineral Subject Plan* ma kienitx gie *in vigore*; inghad ukoll li l-policy SMZU 02 *“li tissemma kemm mill-Awtorita’ kif ukoll mill-appellant ma tapplikax direttament ghal dan il-kas ghax tirreferi biss ghal zona indikata fil-mappa ZU4 bhala Hard Stone quarries li dan is-sit ma jiffurmax parti minnha.* Skont *il-mappa ZU4, dan is-sit jifforma parti minn zona klassifikata bhala ‘Agricultural Areas’ fejn ma tapplika l-policy SMAGO1 tal-Pjan Lokali. Din il-Policy hi intitolata “Protection of Agricultural Land” u tibda hekk:-*

*“MEPA will continue to protect Agricultural land from all types of inappropriate development. Within Agricultural Areas, as indicated on the relevant Environmwental Constraints Maps, only buildings, structures and uses essential to the needs of agriculture will be permitted” Ghalhekk dan l-uzu p-propost mhux kompatibbli ma’ l-uzu stabillitu fil-Pjan Lokali ghal dan is-sit”.*

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord hija nulla ghaliex l-applikazzjoni kienet saret ghan-nom tas-socjeta’ appellanti u mhux tieghu personalment, kif l-istess decizjoni indikat u fit-tieni lok peress li skont l-appellant l-Bord applika l-parametri zbaljati ghall-valutazzjoni tal-applikazzjoni ghall-permess tieghu u dan ghaliex r-ragunijiet moghtija mill-Awtorita` ghar-rifjut kienu essenzjalment tlieta u cioe` li l-misuri biex jigi mitigat it-trab ma kienux sufficjenti, li ma kellhomx jinghataw permessi ghall-barrieri godda, u li l-proposta kienet tikser l-pjan ta' struttura ghal dak li jikkoncerna l-izvilupp ta' minerali, u dwar dan l-Bord sab li l-appellant kellu ragun, izda mbghad b'sorpriza kbira ghall-appellant l-Bord tal-Appell ma ddecidiex l-applikazzjoni fuq dawn il-parametri imma fuq punt li bil-kemm kien diskuss fil-bord u cioe` li l-art in kwistjoni kienet tajba ghall-agrikoltura. Is-sottomissjoni tal-appellanti hija li b'dan il-mod mhux biss l-Bord applika principji zbaljati ghall-konsiderazzjoni tal-

applikazzjoni imma nnega smigh xieraq lill-appellant ghaliex ddecida materja li dwarha l-istess appellant ma nghata l-ebda opportunita` li jaghmel sottomissjonijiet. Infatti l-istess Bord tal-Appell qabel mal-appellant li r-ragunijiet moghtija mill-awtorita` ghar-rifjut ma kienux korretti, imma intant xorta wahda wasal biex irrifjuta l-applikazzjoni taghhom.

Illi fl-ewwel lok jigi trattat l-ewwel aggravju fis-sens li d-decizjoni tal-Bord hija nulla ghaliex l-applikazzjoni saret mis-socjeta' appellanti; izda fil-verita' dan ma jirrizultax mill-atti disponibbli lill Qorti tant li mill-appell interpost quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li l-appell tal-istess appellant odjern, u l-atti kollha sussgwenti ghall-appell quddiem il-Bord jindikaw biss lill-appellanti fil-veste personali tieghu bhala appellant quddiem il-Bord. Ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Illi dwar l-aggravju principji jinghad qabel xejn li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li kif impost l-appell dan jammonta ghall-appell permissibbli taht il-**Kap. 356** u dan ghaliex dak li qed jallega l-appellant huwa li la darba l-appell kollu gie deciz fuq *policy l*i ma kienitx trattata mill-ebda wahda mill-partijiet, u iktar importanti allura li l-appellant ma inghatax l-opportunita' li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, dan jammonta ghan-nuqqas ta' smigh xieraq li jrendi l-istess decizjoni tal-Bord ghalhekk nulla u bla effett. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li dan l-aggravju jikkwalifika bhala punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk huwa appell permissibbli skont il-ligi quddiem din il-Qorti.

Illi dwar il-mertu tal-istess aggravju din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-appellant ukoll ghandu ragun u dan peress li jidher mill-atti processwali li d-decizjoni inghatat mill-Bord ta' l-Appell dwar Ippjanar kompletament fuq *"policy SMAGO1 tal-Pjan Lokali, liema policy hi intitolata "Protection of Agricultural Land"* u jirrizulta li din il-*policy per se* la ssemiet mill-Awtorita' intimata u lanqas mill-appellant fis-sottomissjonijiet tieghu fil-proceduri quddiem l-istess Bord, u ghalhekk jirrizulta li l-partijiet u in partikolari l-appellant kien sorpriz meta din issemiet fid-decizjoni tal-Bord, u ghal din ir-raguni din il-Qorti thoss li l-

appellant ghandu ghalhekk ragun jilmenta li ma inghatax l-opportunita' jressaq is-sottomissjonijiet tieghu f'dan ir-rigward. Din ma hijiex semplici kwistjoni dwar l-applikazzjoni *o meno* tal-Pjan Lokali li sadanitant gie *in vigore*, izda l-punt li l-appellant ghandu dritt li jinghata l-opportunita' li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-punti in kontestazzjoni, u dan iktar u iktar meta l-aggravji tieghu mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp gew milqugha, u l-partijiet trattaw il-pjan lokali izda fuq il-binarju ta' *Policy SMZU02*, (kif il-Bord stess semgha fid-decizjoni tieghu), izda minflok il-Bord iddecieda l-kaz fuq *Policy SMAG01* li fl-ebda mument ma giet msemmija minn xi parti waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiem il-Bord, u wisq inqas ikkunsidrata u trattata mill-partijiet, tant li ma tissemmiex fis-sottomissjoni tal-partijiet citati fl-istess decizjoni tal-Bord, u lanqas hadd mill-partijiet ma semma l-istess, inkluz fir-rapport tal-MEPA datat 2 ta' Ottubru 2007, u r-risposta tal-istess Awtorita' datata 13 ta' Marzu 2008, u minn naha l-ohra s-sottomissjonijiet tal-appellant datati 12 ta' Frar 2008 u l-korrispondenza datata 3 ta' April 2008 (kollha formanti parti mill-atti processwali tal-appell quddiem il-Bord). Hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Bezzina nomine vs Direttur tal-Kuntratti et"** (A.C. – 27 ta' Marzu 2009) fejn inghad li l-Qorti tista tqajjem konsiderazzjonijiet ex ufficio, pero' trid toqghod attenta li ma titlifx il-konsiderazzjoni li l-kontestazzjoni hija bejn il-partijiet in kawza u allura ma ghandhiex tigi pregudikata parti jew ohra, b'dan li kull parti ghandha dritt taghti s-sottomissjonijiet dwar l-istess. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Paul Cauchi vs HSBC Bank (Malta) plc"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Frar 2010) fejn giet annulata sentenza ghaliex il-Qorti ma indirizzatx is-sottomissjonijiet tal-partijiet u minflok iddecidiet fuq kwistjonijiet li l-partijiet qatt ma ssollevaw u trattaw, u peress li dan kollu huwa ksur tal-principju *"audi alteram partem"* ma hemm l-ebda dubju li japplika wkoll ghall kaz deciz mill-Bord tal-Appell tal-Ippjanar.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest dan l-aggravju tal-appellant huwa ben fondat u qed jigi milqugh u ghalhekk din il-Qorti qed tirrinvija l-atti sabiex l-appell jigi mismugh mill-gdid mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, li minhabba

n-natura tad-decizjoni odjerna ghandu jkun differentement kompost, u dan in omagg tal-principju li l-gustizzja trid mhux biss issir, izda tidher li qed issir, u fic-cirkostanzi odjerni dan huwa iktar applikabbli peress li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li ta d-decizjoni tieghu f'dan il-kaz, gja esprima ruhhu dwar dan il-punt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 15 ta' Frar 2010 fejn l-istess hija nkonsistenti ma' dak dawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Charles Fenech fir-rikors tal-appell tieghu datat 2 ta' Novembru 2009** u dan biss fis-sens hawn deciz u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Charles Fenech vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** tas-16 ta' Ottubru 2009 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------